MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Avviz Numru. 2559/1997/1

**Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-16 ta' Frar 1998 is-socjeta' kummercjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti flok il-Korporazzjoni Telemalta**

**Vs**

**Joseph Fabri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u disgha u tletin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm639.29) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 378824 (skond kif jirrizulta mill-statement Dok A anness mal-avviz) liema servizz gie stallat fil-fond Blk E/3, Binja 21 ta' Settembru

1964, Ta’ Zwejt, San Gwann u dana skond ma kif jidher mis-service agreement anness mal-avviz Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Gunju 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjoniali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni

Kif ukoll iz-zewg dokumenti annessi mieghu (fol 2 u fol 3 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 10 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi l-pretenzjoni tas-socjeta attrici ghandha tigi michuda stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti;

1. il-ftehim ghall-installazzjoni w uzu tat-telefon prodott mis-socjeta attrici f’Dok B ma sarx ma’ l-esponenti u di fatti l-firma “J. Fabri” m’hijiex tieghu;
2. fi kwalsiasi kaz in-numru telefoniku li jidher fuq id-Dok B u cioe 376028 ma jaqbilx man-numru telefoniku li tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob l-arretrati tal-hlas;
3. minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti zgur li mhuwiex debitur tas-socjeta attrici fl-ammont pretiz.
4. salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti mill-atti, xehed f’diversi okkazjonijiet u prodott mis-socjeta attrici, il-Prokuratur Legali Noel Scerri (fol 16 u fol 37 et seq ibid) Dan, wara li kkonferma li l-ammont specifikat fl-avviz kien ghadu dovut mill-konvenut u in rigward dan kien esebixxa kont dettaljat li jirreferi ghal perjodu bejn Marzu u Dicembru tal-1994 (fol 19 ibid), kompla billi qal:-

a) Originarjament, kif jidher mill-ftehim a fol 3 tal-atti, is-servizz telefoniku in kwisjtoni kellu n-numru ‘376028’ izda matul Mejju tal-1995, dan in-numru kien inbidel u gie sostitwit b’’375879’ u sussegwentement ‘378824’, dak specifikat fl-istess avviz. (ara ukoll fol 32 tal-istess atti dwar in-numru gdid).
b) Giet esebita ittra mill-istess xhud, liema ittra, li jgib id-data tat-22 ta’ April 1996, kienet inbaghtet mill-konvenut lis-socjeta attrici (ara fol 38 ibid). F’din l-ittra hemm referenza ghal zewg numru telefonici ossija 378824 u 375879. Fl-istess ittra l-konvenut jidher li jaccetta li ghandu jhallas lill-istess socjeta attrici, s-somma ta’ Lm616.26,0 waqt li talab dilazjoni fil-pagament tal-sitess somma skond kif risultanti minnha.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta’ dak kollu premess u fin-nuqqas ta’ xi prova kontrarja da parti tal-konvenut, li kif jidher mill-verbali tas-seduti li nzammu inghata opportunita’ ampja sabiex jgib il-provi tieghu, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm639.29,0 bl-imghaxijiet legali mid-9 ta’ Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Gunju 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------